**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 13 ta' Novembru 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 76/2013JVC**

**Francis u Frances konjugi Grima**

**vs**

**Taddeo sive Teddie Grima**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li ppremettew:

1. Premess illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi fl-ammont ta' tletin elf lira (Lm30,000) tal-munita antika llum ekwivalenti ghal disgha u sittin elf tmien mija u wiehed u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€69,881.20) rapprezentanti bilanc mill-prezz tal-bejgh tad-dar bin-numri 18, 20, Triq il-Helsien, Xewkija, Ghawdex li ghalaq fid-disgha (9) ta' Jannar 2013 u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh tad-disgha (9) ta' Jannar 2003 u dak ta' donazzjoni maghmul fl-istess data tad-disgha (9) ta' Jannar 2003 kopja taghhom hawn annessi u mmarkati bhala Dokument B u Dokument C;

2. Premess illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat diversi drabi biex ihallas, dan baqa' inadempjenti;

3. Premess illi l-kreditu huwa wiehed cert, likwidu, u dovut u l-attrici Frances Grima ikkonfermat il-kreditu b'Affidavit hawn anness u mmarkat bhala Dokument A a tenur ta' l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u li fil-fehma tar-rikorrenti, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici bid-dispensa ghas-smigh u bl-abbrevjazzjoni tat-termini a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront tar-rikorrenti ghall-ammont ta' tletin elf lira (Lm30,000) tal-munita antika ekwivalenti ghal disgha u sittin elf tmien mija u wiehed u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€69,881.20);

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lir-rikorrenti l-istess somma ta' tletin elf lira (Lm30,000) tal-munita antika ewkivalenti ghal disgha u sittin elf tmien mija u wiehed u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€69,881.20) flimkien mal-imghax skont il-ligi.

Bl-ispejjez tal-prezenti procedura, inkluza dawk tal-ittra ufficjali numru: 505/2013 u bl-imghax kontra l-istess intimat li minn issa huwa mharrek u ngunt ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta' kull dritt fil-ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut illi eccepixxa:

1. In linea preliminari hemm in-nuqqas tal-integrita' tal-gudizzju a bazi tal-artikolu 1322 tal-Kodici Civili. Il-proceduri odjerni huma ntizi sabiex jingabar bilanc ta' prezz tal-bejgh ta' immobbli li sar favur l-esponenti *durante conjugo*. Billi dan certament jikkonsisti minn att li jolqot jeddijiet fuq proprjeta' immobiljari kien jehtieg ghalhekk li l-konjugi tal-konvenut tkun ukoll parti fil-kawza mieghu. Eccezzjoni tan-nuqqas ta' ntegrita' tal-gudizzju bbazata fuq l-applikazzjoni tal-artikolu 1322 tal-Kap. 16 tinvoka provvediment li hu ta' ordni pubbliku u l-Qorti hija prekluza milli tinjorah *una volta* n-nuqqas jigi ssollevat u ppruvat anke fejn sahansitra jkun hemm r-rinunzja tal-parti (Appell Civli, Tabone vs Micallef, 04/12/1998). L-interess ta' mart il-konvenut kien pre-ezistenti ghall-kawza. Ghalhekk kien ikun ferm aktar korrett li l-atturi dahhlu lil mart il-kovenut mill-bidu nett tal-kawza. Il-fatt li dan ma sarx mill-bidu nett meta l-interss ta' mart il-konvenut kien wiehed ovvju ghall-atturi qabel ma ntavolaw il-kawza huwa wiehed fatali u lanqas ma jista' jigi sanat bil-kjamata fil-kawza billi kif gie ritenut 'dan l-istitut m'huwiex intiz biex jaghmel tajjeb ghan-nuqqas ta' kura jew traskuragni ta' min jintavola l-kawzi' (Appell Civili, Borg vs Tabone, 09/10/2009). Hemm lok ghalhekk ghal-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez;

2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari mhu dovut ebda bilanc ta' hlas lill-atturi billi dan gie pjenament saldat kif jirrizulta minn dikjarazzjoni maghmula mill-istess atturi fit-23 ta' Frar 2006, liema dikjarazzjoni saret bix-xhieda tal-avukat sottoskritt, u kopja taghha qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata 'A' debitament transuntata ghall-finijiet ta' konservazzjoni tal-original tad-dokument fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo b'att tat-8 ta' Jannar 2013. Din l-istess dikjarazzjoni kopja taghha kienet giet ikkomunikata lill-atturi f'risposta li kienet intbaghtitilhom b'ittra tas-17 ta' Dicembru 2012, li saret bi twegiba ghall-ittra nterpellatorja taghhom tas-6 ta' Dicembru 2012, kopja tal-istess qeghdin jigu annessi u mmarkati B u C rispettivament;

3. Id-dikjarazzjoni dokument 'A' hija prova fiha nnifisha li kull ammont li kien dovut lill-atturi mill-bilanc tal-prezz tal-bejgh tal-immobbli jinsab pjenament saldat, u l-validita' o meno ta' din id-dikjarazzjoni ma tistax tigi ventilata minn din il-Qorti fil-proceduri odjerni billi kif inhuma formulati l-premessi u t-talbiet tal-atturi dawn huma diretti biss u limitatament ghal dikjarazzjoni u kundanna ghall-hlas. Jekk din il-Qorti jkollha tiddeciedi dwar il-validita' o meno tad-dikjarazzjoni dokument 'A' tkun qeghda tiddeciedi *ultra petita* jew *extra petita*. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, inkluzi fl-ispejjez dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 2013, debitament innotifikata lill-atturi fid-19 ta' Ottubru 2013.

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti, kuntratti, skritturi, rapporti u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 5/2014 fl-istess ismijiet;

Rat in-nomina tal-espert kaligrafiku s-Sur Joseph Mallia permezz tad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 14 ta' April, 2014 u r-rapport tieghu fl-atti;

Rat in-nomina tal-espert kaligrafiku Dr. Juliana Scerri Ferrante bhala perit tekniku addizzjonali li giet nominata waheda fl-assenza ta' esperti ohra fil-Gzejjer Maltin kompetenti jew fil-possibilita' li jigu nominati flimkien maghha liema nominat giet konfermata permezz tal-verbal datat 6 ta' Mejju, 2016 u rat ukoll ir-rapport taghha.

Rat illi fil-verbal tas-27 ta' Gunju, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna, li giet intavolata originarjament bil-procedura tal-giljottina, l-atturi Francis u Frances konjugi Grima qed jitolbu li binhom Taddeo Grima jigi kkundannat ihallashom il-bilanc ta' prezz tal-bejgh tad-dar residenza taghhom bin-numri 18 – 20, fi Triq il-Helsien, Xewkija, Ghawdex fl-ammont ta' tletin elf Liri Maltin (Lm30,000) ekwivalenti ghas-somma ta' disgha u sitt elf tmien mija u wiehed u tmenin Euro u ghoxrin centezmi (€69,881.20) liema bejgh sar permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo datat 9 ta' Jannar, 2003 esebit a fol. 5 tal-process. Il-konvenut jichad li l-ammont ghadu dovut u jsostni li l-pagament sar lura fis-sena 2006 u prova ta' dan jesebixxi ricevuta ffirmata mill-atturi a fol. 19 tal-process.

**Eccezzjoni preliminari**

Illi fl-ewwel lok jehtieg li tigi sorvolata l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-konvenut fejn isostni li l-proceduri odjerni huma nulli minhabba n-nuqqas ta' ntegrita' ta' gudizzju a bazi tal-artikolu 1322 tal-Kap. 16 stante li mart il-konvenut ma gietx imharrka mal-istess konvenut fl-atti odjerni nonostante li skont il-konvenut id-dejn sar waqt iz-zwieg. Din il-Qorti ma taqbilx assolutament mal-eccezzjoni tal-konvenut ghas-semplici raguni li l-vertenza bejn il-partijiet tikkoncerna obbligazzjoni li dahal volontarjament ghaliha wahdu l-konvenut permezz tal-kuntratt datat 9 ta' Jannar, 2003. Dakinhar mart il-konvenut thalliet barra, jidher bi ftehim bejn il-partijiet illum l-istess partijiet fil-kawza u l-obbligazzjoni tal-hlas dahal ghaliha l-konvenut wahdu. La darba l-kawza ghalhekk tikkoncerna obbligazzjoni li bil-kunsens tal-partijiet odjerni l-konvenut dahal ghaliha wahdu l-Qorti ma

tqisx li issa f'dan l-istadju l-konvenut jista' juza dan in-nuqqas a favur tieghu u jeccepixxi n-nullita' tal-kawza minhabba n-nuqqas li giet ingunta martu. Il-Qorti tinnota li fuq kollox fl-atti ta' dawn il-proceduri lanqas xehdet mart il-konvenut sabiex possibilment taghti dawl fuq din l-eccezzjoni u jekk hux qed tinsisti li hija tkun parti mill-kawza. Il-Qorti ghalkemm tqis li idealment, sabiex jigu evitati dawn it-tip ta' eccezzjonijiet, la darba l-konvenut huwa mizzewweg kien ikun ahjar li jigi citat flimkien ma' martu, ma tqisx izda li dan in-nuqqas fic-cirkustanzi tal-kawza odjerna jwassal ghan-nullita' tal-istess. Il-Qorti ghal dawn ir-ragunijiet ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

**Mertu**

Illi wara li l-Qorti rat kelma b'kelma, dokument dokument u semghet tista' tghid ix-xhieda kwazi kollha fl-atti, tasal sabiex taghmel il-konsiderazzjonijiet segwenti.

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li dakinhar tal-kuntratt ta' bejgh tad-dar gia msemmi u esebit a fol. 5 tal-process saret ukoll donazzjoni (fol. 8) li permezz taghha l-atturi ghaddew b'donazzjoni s-somma ta' ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000) lill-konvenut fejn gie dikjarat li dawn inqaghtu mill-prezz dovut lilhom ghall-proprjeta'.

Skont il-kuntratt hawn fuq imsemmi l-konvenut Taddeo Grima inghata ghaxar snin zmien sabiex ihallas lill-atturi l-bilanc u dan minghajr imghax. Permezz tal-kawza odjerna li giet intavolata fis-sena 2013 l-atturi qed

isostnu li binhom Taddeo Grima (li jghix fl-istess dar maghhom flimkien ma' martu u uliedu u li hija l-istess dar mibjugha lilu) ma hallasx lilhom il-bilanc dovut ta' tletin elf Liri Maltin (Lm30,000) w'ghaldaqstant intavolaw il-kawza odjerna.

Illi da parti tieghu l-konvenut Taddeo Grima jikkontesta l-pretensjoni tal-atturi li l-bilanc ghadu dovut u prova ta' dan giet esebita fl-atti (kif ukoll jirrizulta li gia kienet intbaghtet kopja taghha lill-atturi mal-ittra legali datata 17 ta' Dicembru, 2012 ara fol. 21 tal-process) kopja ta' skrittura a fol. 19 tal-process. Irrizulta li ghalkemm din l-iskrittura ggib id-data tat-23 ta' Frar, 2006, din giet transunta minn Nutar Dr. Enzo Refalo nhar it-8 ta' Jannar, 2013 cioe' meta l-konvenut, fuq parir tal-Avukat Dr. Mario Scerri wara li gie nterpellat permezz ta' ittra ufficcjali mill-atturi sabiex jersaq ghall-hlas, iddecieda li jkun aktar ghaqli li din tigi transunta. Fl-atti Dr. Mario Scerri ikkonferma diversi drabi bil-gurament (ara xhieda a fol. 14 et seq u affidavit a fol. 607 et seq) illi din l-iskrittura saret minnu fuq talba tal-konvenut Taddeo Grima wara li kien infurmah li kien hallas il-genituri tieghu u talbu parir jekk kienx ikun ahjar li jsir xi tip ta' dokument. L-Avukat Mario Scerri jixhed bil-gurament li l-iskrittura giet iffirmata quddiemu fl-istess gurnata u fl-istess hin mill-konvenut Taddeo Grima u minn ommu l-attrici Frances Grima wara li spjegahielhom. Dr. Scerri spjega wkoll li l-missier cioe' l-attur dakinhar kien gie nfurmat mill-attrici u konvenut li kien ma jiflahx u li l-attur Francis Grima kien mar xi granet wara flimkien mal-konvenut u wkoll iffirma quddiem l-Avukat Scerri wara li spjegalu l-kontenut tal-iskrittura. Kemm l-Avukat Scerri kif ukoll Taddeo Grima xehdu fuq li xehdu kif l-iskrittura giet iffirmata f'darbtejn dejjem fil-

prezenza tal-Avukat Scerri u li l-missier kien iffirma fl-intrata tal-ufficcju tal-Avukat Scerri sabiex jevita li jitla' t-tarag minhabba l-eta' tieghu.

Illi rinfaccati b'din l-iskrittura, l-atturi qed jikkontestaw l-istess u jsostnu li l-firem fuq din l-iskrittura (li bazikament iggib fix-xejn il-pretensjonijiet taghhom fil-konfront tal-konvenut jekk hija wahda genwina u valida) mhumiex taghhom u jallegaw li dawn gew iffalsifikati.

Illi ghar-raguni li l-atturi qed jikkontestaw l-iskrittura tal-pagament fejn hemm il-firma taghhom din il-Qorti diversament preseduta ntalbet mill-istess atturi sabiex tinnomina espert kaligrafiku biex jirrelata dwar l-istess. L-espert tekniku Joseph Mallia (a fol. 79 et seq) wara li ezamina numru konsiderevoli ta' dokumenti ffirmati fl-original taghhom u dokumenti ohra gejjin minn sorsi diversi u dati diversi fuq bosta snin (inkluz l-ircevuta ffirmata fl-originali taghha) u sahansitra acceda fl-ufficcju tal-Avukat Scerri sabiex jara t-tavolina li allegatament l-attur iffirma fuqha, irrelata lill-Qorti (a fol. 79 et seq) li l-firem tal-atturi huma awtentici. Sabiex wasal ghal din il-konkluzjoni l-espert ghamel analizi dettaljatissima u fil-konkluzjoni tieghu a fol. 125 et seq jispjega pass pass x'wasslu sabiex jasal ghal din il-konkluzjoni.

Wara li gie esebit ir-rapport tas-Sur Joseph Mallia l-atturi esebew rapport *ex parte* redatt minn Dr. Martin Bajada (a fol. 232 et seq) minn fejn jirrizulta li wara li huwa nghata fotokopja tad-dokument in kontestazzjoni mill-atturi (esebit a fol. 19) u gabar ghaxar firem minn kull attur, jirrelata li skont hu l-

firem tal-atturi fuq din l-iskrittura mhumiex originali, li huma simulati u konsegwentement skont Dr. Bajada gew falsifikati.

Illi konsegwenti ghaz-zewg rapporti hawn fuq indikati, kif ukoll wara qbil mill-atturi permezz tal-verbal datat 6 ta' Mejju, 2016, giet nominata Dr. Juliana Scerri Ferrante sabiex bhala espert tekniku addizzjonali tezamina r-rapporti kemm tas-Sur Joseph Mallia u Dr. Martin Bajada u konsegwentement ghaddiet ghall-konkluzjonijiet taghha kif isegwi:

*'Wara li l-esperta sottofirmata kkunsidrat iz-zewg rapporti pprezentanti f'dan il-process, ezaminat il-firem kollha pprezentati fis-seduti mehudin miz-zewg esperti precedenti, rat l-analizi maghmula minnhom, hija tikkonkludi definittivament li l-firem ta' Francis Grima u Frances Grima fuq Dok. A datat 23 ta' Frar 2006 huma maghmulin mill-istess awturi u ghalhekk minn Francis Grima (Karta tal-identita' numru 28730 G) u Frances Grima (Karta tal-Identita numru 17834 G) stess.*

*Inoltre, l-esperta sottofirmata ma taqbel assolutament xejn mal-konkluzjoni tar-rapport ta' Dr Martin Bajada li hemm xi "simulation of the true signatures of Francis and Frances and hence a forgery" u b'ebda mod m'hemm prova ta' dan, anzi hemm prova cara tal-kontrarju, jigifieri li l-firem saru mill-istess awturi u li ghalhekk, il-firem in kwistjoni certament jaqghu fil-varjabilita' tal-firem taz-zewg persuni ndikati.'* (fol. 485)

Illi l-Qorti rat ukoll id-domandi u r-risposti in eskussjoni li nghataw mill-esperti nominati minnha kif ukoll rat u semghet ix-xhieda in kontro-ezami ta' Dr. Martin Bajda u filwaqt li tiddikjara li ma ghandha l-ebda dubju fl-

integrita' u kompetenza tat-tlieta li huma, jirrizulta lill-Qorti ovvju li l-esperti nominati mill-Qorti kellhom a disposizzjoni taghhom ferm aktar dokumentazzjoni li minn fuqha setghu jaslu ghall-konkluzjonijiet taghhom filwaqt li Dr. Bajada inghata biss dak li l-atturi riedu jaghtuh ghall-iskopjiet taghhom u xejn aktar.

Il-Qorti tinnota b'mod partikolari r-risposta tal-espert tekniku Joseph Mallia a fol. 771 tal-process fejn jemfasizza fuq domanda tal-atturi kif isegwi:

'firma tal-istess persuna ma' tistax tkun identika perfettament. F'kaz li firma tkun identika perfettament din tkun giet ikkupjata jew traced.'

Illi l-unici zewg persuni li b'xi mod setghu igiddbu l-veracita' tad-dokument in kwistjoni kienu l-atturi stess stante li jirrizulta li hadd aktar ma kien prezenti ghall-iffirmar tal-istess skrittura ghajr l-Avukat Dr. Mario Scerri li din il-Qorti taghmilha cara li minn dak li hija rat fl-atti u mix-xhieda tieghu, ma ghandha l-ebda dubju li huwa qed jixhed il-verita' anki f'dik il-parti fejn jammetti li huwa ma rax il-flus ghaddejjin bejn il-partijiet stante li jixhed kienet l-attrici stess u l-konvenut li kkonfermawlu li l-hlas sar qabel ma marru ghandu.

Illi mill-atti jirrizulta li l-attur Francis Grima xehed permezz ta' affidavit a fol. 236 tal-process fejn innega li huwa rcieva l-pagament minghand il-konvenut izda wara li tqajjmu dubji dwar il-kompetenza tieghu li jixhed bil-gurament minhabba l-kundizzjoni ta' sahha tieghu, din il-Qorti ghazlet li

tmur hi stess fid-dar tal-attur u tisma' l-kontro-ezami tieghu. Waqt il-kontro-ezami l-attur deher li kien jaf sew x'qed jghid tant li kemm-il darba esprima ruhu fil-konfront tal-konvenut ibnu li kien ihobbu izda fi kliemu 'wahhaluli' (fol. 296). Il-Qorti nnotat ukoll li a fol. 300 et seq l-attur jammetti li l-konvenut tah xi flus kontanti u li dawn zammhom id-dar. **Sahansitra a fol. 304 tal-process jaghraf il-firma tieghu fuq l-iskrittura a fol. 19 tal-process li suppost huwa qed jikkontesta.** Mistoqsi ghalfejn tul iz-zmien huma (l-atturi) ma baqghux f'relazzjoni tajba ma' ibnu l-konvenut jghid li ma jafx. A fol. 310 tal-process mistoqsi direttament mill-Qorti jekk il-konvenut tahx is-somma ta' tletin elf Liri Maltin (Lm30,000) b'kontradizzjoni ghal dak li xehed qabel jirrispondi li le.

Illi b'aktar insistenza xehdet fl-atti l-attrici Frances Grima (ara fol. 39 et seq, kontro-ezami a fol. 569 et seq, kontro-ezami ulterjuri a fol. 811 et seq). Il-Qorti nnutat f'dawn id-diversi stanzi ta' xhieda li l-attrici zammet ferm lura milli tirrispondi meta sarulha domandi, anki b'insistenza, dwar l-iskrittura u tibqa' tghid biss li hija ma marritx ghand Dr. Scerri allura ma ffirmatx. Fil-bqija jiddominaw tul ix-xhieda taghha kollha r-risposti li 'ma tafx'. Sahansitra meta murija l-firma taghha fuq l-iskrittura a fol. 19 ma tichadx li hija l-firma taghha izda tibqa' tghid li ma tistax tirrispondi. Johrog izda mix-xhieda tal-attrici li r-relazzjonijiet bejnha u binha kienu tajbin hafna sakemm f'certu punt kien hemm glied bejn it-tfal tat-tfal (cioe' tfal tal-hames uliedha l-konvenut Taddeo Grima u l-erba' uliedha bniet) li spiccaw gelldu wkoll lill-konvenut minn ma' hutu u ghal xi raguni minn ma' ommu l-attrici. A fol. 572 hija tixhed li r-relazzjoni ma' binha marret hazin wara li hu beda bil-geddum maghha wkoll:

‘Imbaghad hu beda bil-geddum mieghi wkoll, ghax qalli int kont taf, imbaghad tlabtu l-flus.’

Jirrizulta mix-xhieda taghha u mill-ftit informazzjoni li taw l-ulied bniet fl-atti (ara fol. 340 affidavit ta’ Josephine Vella u kontro-ezami a fol. 815, fol. 341 affidavit ta’ Maria Borg u kontro-ezami a fol. 778, fol. 342 affidavit ta’ Giovanna Buttigieg u kontro-ezami a fol. 792) jirrizulta lill-Qorti li dawn l-incidenti graw lejn is-sena 2009 (cioe’ tliet snin wara l-iskrittura tal-hlas) u baqghu jiddegeneraw tant li fl-2013 infethet il-kawza. Jirrizulta izda mix-xhieda tal-attrici u kemm ta’ uliedha bniet li dawn ma kienux jafu li l-omm u l-missier bieghu d-dar lill-konvenut qabel ma nqala’ l-inkwiet (kien min ghalihom li bit-testment) tant illi a fol. 574 l-attrici Frances Grima tixhed kif isegwi:

‘La ma kienux jafu, jien x’hin kellna xi nghidu, imbaghad indunaw li jien ghamiltulu bejgh dak.’

Meta l-Qorti tikkunsidra li l-bejgh sar fis-sena 2003 u l-ulied bniet saru jafu wara li nqala’ l-inkwiet bejn il-partijiet (cioe’ wara s-sena 2009) il-Qorti tifhem li l-attrici hija ben kapaci tahbi dak li hija tkun ghamlet minn dak ta’ madwarha u l-istess attitudni hadet tul din il-kawza. Il-Qorti mill-assjem tal-provi kollha migbura tqis li Frances Grima mihijiex qed tixhed il-verita’ kollha f’dawn il-proceduri anzi tqis li Frances Grima ghal ragunijiet taghha qed izomm lura l-verita’ kollha forsi anki minhabba bizgha li tinikixef oltre ma’ uliedha l-bniet. Din il-Qorti hija konvinta mill-assjem tal-provi li l-attrici tul is-snin ma qalitx il-verita’ kollha lil uliedha dwar dak li ghaddha

bejnha u l-konvenut, wisq anqas lir-rapprezentanti taghha u finalment lil din il-Qorti. Huwa car lil din il-Qorti, anki mill-attitudni tal-attrici fl-awla waqt ix-xhieda fil-prezenza tal-Qorti, li l-attrici zammet lura ferm milli tghid dak kollu li taf f'dawn il-proceduri b'mod partikolari dwar il-ftehim li kien hemm bejn l-atturi u l-konvenut dwar il-pagament dovut lilhom u wkoll dwar ir-raguni li finalment wasslitha sabiex tiffirma volontarjament dikjarazzjoni li hija thallset l-ammont dovut lilha. Jidher li l-attrici meta rat li r-relazzjoni taghha ma' binha l-konvenut iddegenerat b'xi mod riedet tpattihilu u b'hekk regghet infethet il-kwistjoni tal-hlas, kwistjoni li kienet rizolta definittivament bejniethom lura fis-sena 2006 permezz tal-iskrittura a fol. 19 tal-process.

Illi l-Qorti ma tqisx li l-provi li tressqu fl-atti jistghu b'xi mod jistghu jitfghu xi dell fuq il-konkluzjonijiet li waslu ghalihom l-esperti nominati minnha dwar il-veracita' u l-awtenticita' tal-firem tal-atturi fuq l-iskrittura a fol. 19 tal-process.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti rat ukoll id-diversi provi li tressqu mill-partijiet dwar il-mezzi finanzjarji taghhom u tqis li nonostante tali provi, irrizulta ampjament pruvat fl-atti b'mod partikolari minn dak li xehed l-attur Francis Grima in kontro-ezami kif ukoll dak li xehed il-konvenut Taddeo Grima li l-introjtu mix-xoghol tal-bhejjem li kien isir bejn il-parijiet kien jithallas fil-maggor parti tieghu in kontanti u kien jinzamm mill-partijiet fid-dar u ghalhekk il-Qorti ma tqisx li huwa nverosimili li l-konvenut seta' gemma' l-flus dovuti f'kontanti u hallas l-istess fid-dar fejn jirrisjedu kemm l-atturi kif ukoll il-konvenut.

Illi minn dak kollu li l-Qorti rat fl-atti ta' din il-kawza, din il-Qorti hija moralment konvinta li l-iskrittura datata 23 ta' Frar, 2006 (kopja esebita a fol. 19 tal-process) giet volontarjament iffirmata mill-atturi Francis Grima u Frances Grima fil-prezenza tal-Avukat Mario Scerri bhala xhud tal-firma u li ghalhekk kienet ukoll volontarja d-dikjarazzjoni tal-atturi li l-konvenut hallashom is-somma ta' tletin elf Liri Maltin (Lm30,000) li kienet dovuta lilhom. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li ma ghad hemm l-ebda somma dovuta mill-konvenut lill-atturi b'dana li l-pretensjonijiet attrici ghandhom jigu michuda.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:**

1. **Tiddikjara l-ewwel talba attrici bhala sorvolata stante li l-konvenut inghata l-oppotunita' li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu;**

2. **Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu;**

3. **Tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzonijiet tal-konvenut u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjez kollha li ghadhom mhux decizi kontra l-atturi.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**